



Dokument ta' sessjoni

B9-0402/2020

9.12.2020

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-ħtieġa ta' konfigurazzjoni speċifika tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri
(2020/2896(RSP))

Irène Tolleret, Samira Rafaela, Karen Melchior, María Soraya Rodríguez Ramos, Chrysoula Zacharopoulou, Sylvie Brunet, Radka Maxová, Susana Solís Pérez, Nathalie Loiseau, Sophia in 't Veld

f'isem il-Grupp Renew

Maria da Graça Carvalho, Frances Fitzgerald

f'isem il-Grupp PPE

Maria Noichl

f'isem il-Grupp S&D

Alice Kuhnke, Gwendoline Delbos-Corfield, Diana Riba i Giner, Sylwia

Spurek, Ernest Urtasun, Monika Vana

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Eugenia Rodríguez Palop, Elena Kountoura

f'isem il-Grupp GUE/NGL

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-ħtieġa ta' konfigurazzjoni speċifika tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri (2020/2896(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikoli 8, 10, 19, 153(1)(i), 157 u 236 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 21 u 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 2(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill,
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-2 ta' Lulju 2008 għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (Direttiva kontra d-Diskriminazzjoni) (COM(2008)0426),
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol¹,
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-14 ta' Marzu 2012 għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-titjib tal-bilanċ bejn is-sessi fost diretturi mhux eżekuttivi ta' kumpaniji elenkati f'borża u miżuri relatati (Direttiva dwar in-Nisa fuq il-Bordijiet) (COM(2012)0614),
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (Konvenzjoni ta' Istanbul), li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2014,
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-4 ta' Marzu 2016 għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (COM(2016)0109),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni ta' Istanbul u l-miżuri l-oħra biex tiġi miġġielda l-vjolenza abbażi tal-ġeneru²,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-30 ta' Jannar 2020 dwar id-differenza fil-pagi

¹ ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23.

² Testi adottati, P9_TA(2019)0080.

bejn il-ġeneri³,

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2020 dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fil-politika estera u ta' sigurtà tal-UE⁴,
- wara li kkunsidra l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tal-2020 mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE), ippubblikat fit-28 ta' Ottubru 2020,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-EIGE tad-19 ta' Novembru 2019 dwar l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri fil-kura u l-pagi fl-UE,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Diċembru 2019 bit-titolu "Ekonomiji Ugwali bejn is-Sessi fl-UE: It-Triq 'il Quddiem",
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2020 dwar l-indirizzar tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa,
- wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u, b'mod partikolari, il-prinċipji 2, 3, 9 u 15 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU li ġew miftiehma fl-2015, b'mod partikolari l-għanijiet 5 u 8,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025" (COM(2020)0152),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-25 ta' Novembru 2020 bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru (Gener Action Plan, GAP) III – Aġenda Ambizzjuża għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-għoti tas-setgħa lin-nisa fl-azzjoni esterna tal-UE" (JOIN(2020)0017),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Novembru 2020 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025" (COM(2020)0698),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Settembru 2020 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025" (COM(2020)0565),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ottubru 2020 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteciċipazzjoni" (COM(2020)0530),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija valur fundamentali u għan ewlieni tal-UE; billi d-

³ Testi adottati, P9_TA(2020)0025.

⁴ Testi adottati, P9_TA(2020)0286.

dritt għal trattament indaqs u għan-nondiskriminazzjoni huwa dritt fundamentali stabbilit fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u għandu jiġi rrispettat bis-sħiħ;

- B. billi l-Artikolu 8 tat-TFUE jistabbilixxi l-prinċipju tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri li skont dan l-Unjoni għandu jkollha l-għan li telimina l-inugwaljanzi, u li tippromwovi l-ugwaljanza, bejn l-irġiel u n-nisa fl-attivitajiet kollha tagħha;
- C. billi d-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru u l-identità tal-ġeneru ta' spiss tiġi kkombinata mad-diskriminazzjoni abbażi ta' raġunijiet oħra, bħar-razza, il-kulur, l-orijini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twelmin, l-opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, is-sħubija f'minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, li jwasslu għal diskriminazzjoni doppja u multipla; billi perspettiva orizzontali, intersezzjonali u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-politiki tal-UE huma essenzjali għall-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ugwaljanza b'mod ġenerali;
- D. billi perspettiva orizzontali, intersezzjonali hija essenzjali fi kwalunkwe politika ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri sabiex jiġi rikonoxxut u indirizzat dan it-theddid multiplu ta' diskriminazzjoni; billi l-politiki tal-UE s'issa ma ħadux approċċ intersezzjonali u ffukaw l-aktar fuq id-dimensjoni individwali tad-diskriminazzjoni, li ma tindirizzax id-dimensjonijiet istituzzjonali, strutturali u storiċi tagħha; billi l-analiżi intersezzjonali mhux biss tippermettilna nifhmu l-ostakoli strutturali, iżda tipprovdi wkoll evidenza li abbażi tagħha għandhom jiġu stabbiliti punti ta' riferiment u titwitta t-triq lejn politiki strateġiċi u effettivi kontra d-diskriminazzjoni sistemika, l-esklużjoni u l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri;
- E. billi skont l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020 tal-EIGE, l-ebda pajjiż tal-UE għadu ma kiseb bis-sħiħ l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel; billi l-progress tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri għadu miexi bil-mod, bil-punteġġ tal-indiċi jittejjeb b'medja ta' punt kull sentejn; billi b'din ir-rata, l-UE se tiegħu aktar minn 60 sena biex tikseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;
- F. billi l-vjolenza abbażi tal-ġeneru fil-forom kollha tagħha tikkostitwixxi diskriminazzjoni u ksur tad-drittijiet tal-bniedem integrati fl-inugwaljanza bejn il-ġeneri, li tgħin biex dawn jipperpetwaw u jissaħħu; billi l-vjolenza abbażi tal-ġeneru hija wieħed mill-akbar ostakoli biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; billi s'tħarriġ tal-2014 mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) wera li mara minn kull tliet nisa esperjenzat vjolenza fiżika jew sesswali mill-età ta' 15-il sena, li 55 % tan-nisa ffaċċjaw forma waħda jew aktar ta' fastidju sesswali u li, bħala medja, mara tmud kull jumejn u nofs b'riżultat tal-vjolenza domestika; billi ħajja ħielsa mill-vjolenza hija prerekwiżit għall-ugwaljanza; billi fl-UE jseħħu madwar 3 500 femminiċidju kull sena marbuta mal-vjolenza domestika⁵; billi data diżaggregata skont il-ġeneru u sensitiva għall-ġeneru ta' natura komparabbli hija essenzjali sabiex tirrifletti l-firxa sħiħa tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, tagħmel l-inugwaljanzi viżibbli u toħloq politiki mmirati; billi għad hemm nuqqas ta' data diżaggregata skont il-ġeneru u sensitiva għall-ġeneru f'oqsma differenti tal-politiki tal-UE u tal-Istati Membri;

⁵ [https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2018/630296/EPRS_BRI\(2018\)630296_EN.pdf](https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2018/630296/EPRS_BRI(2018)630296_EN.pdf)

- G. billi, skont l-aħħar ċifri tal-Kummissjoni, id-differenza bejn il-ġeneri fl-UE fir-rigward tal-paga fis-siegħa hija ta' 16 %, għalkemm din tvarja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri; billi d-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri tiżdied għal 40 % meta jitqiesu r-rati tal-impjieg u l-parteċipazzjoni ġenerali fis-suq tax-xogħol; billi s-sitwazzjoni hija saħansitra agħar meta n-nisa jirtiraw mix-xogħol, minħabba li l-pensjonijiet tagħhom huma ta' madwar 37 % inqas minn dawk tal-irġiel b'konsegwenza tad-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri, fost fatturi oħra; billi fl-2018 ir-rata ta' impjieg fl-UE, li tvarja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri, kienet għadha ogħla għall-irġiel (79 %) milli għan-nisa (67,4 %); billi 31,3 % tan-nisa impjegati ta' bejn l-20 u l-64 sena fl-UE ħadmu fuq bażi part-time fl-2018, meta mqabbla ma' 8,7 % tal-irġiel; billi n-nisa huma rrappreżentati żżejjed fl-ekonomija informali, xogħol part-time involontarju, u impjegi prekarji u b'pagi baxxi;
- H. billi x-xogħol ta' kura u domestiku mingħajr ħlas, li jsir l-aktar min-nisa, iħalli impatt fuq il-progressjoni tal-impjieg u l-karriera u jikkontribwixxi għad-differenza bejn il-pagi u l-pensjonijiet tal-irġiel u n-nisa; billi l-istimi juru li fis-settur tal-kura, 80 % tas-servizzi huma pprovduti minn indukraturi informali li huma l-aktar nisa (75 %), inklużi nisa migranti;
- I. billi n-nisa għalhekk għadhom mhumiex irrappreżentati biżżejjed u jsofru minn diversi forom ta' diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol, u billi l-għan huwa li jingħataw l-istess opportunitajiet fuq il-post tax-xogħol bħall-irġiel sabiex jitnaqqsu dawk id-differenzi;
- J. billi skont il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Jannar 2020 dwar Ewropa soċjali b'saħħitha għal tranżizzjonijiet ġusti (COM(2020)0014), servizzi mtejba ta' indukrar tat-tfal u ta' kura fit-tul huma mezz biex jiġi żgurat li r-responsabbiltajiet ta' kura jiġu kondiviżi b'mod aktar ugwali bejn in-nisa u l-irġiel, bil-għan li tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol fuq l-istess livell bħall-irġiel;
- K. billi d-differenzi bejn il-ġeneri u l-ostakoli strutturali jippersistu f'ħafna oqsma, filwaqt li jirrestrinġu lin-nisa u lill-irġiel għar-rwoli tradizzjonali tagħhom u jillimitaw l-opportunitajiet tan-nisa biex jibbenefikaw bis-siġħ mid-dritt fundamentali tagħhom ta' ugwaljanza fl-impjieg, fix-xogħol u fil-pagi;
- L. billi n-nisa mhumiex irrappreżentati biżżejjed f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet, inkluż fis-settur ekonomiku, u l-parità bejn il-ġeneri f'korpi eletti għad fadlilha biex tintlaħaq; billi skont l-EIGE, inqas minn terz tal-parlamentari kollha fl-UE huma nisa; billi l-biċċa l-kbira tal-korpi tat-teħid ta' deċiżjonijiet ma għandhomx għarfien espert fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri;
- M. billi l-fehmiet stereotipiċi tar-rwoli tal-ġeneri jikkontribwixxu għall-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jgħinu biex tiġi pperpetwata l-vjolenza abbażi tal-ġeneru; billi huwa fl-interess tas-soċjetà kollha kemm hi li tiġi għall-irġiel l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri, u billi l-parteċipazzjoni tal-irġiel fl-isforzi biex jiġu miġġielda l-inugwaljanza bejn il-ġeneri u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru hija kruċjali;
- N. billi l-aċċess għall-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati huwa essenzjali biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; billi ċ-ċaħda tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR) hija forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru; billi l-Parlament indirizza l-SRHR fil-Programm tiegħu "l-UE għas-Saħħa" li għadu kif ġie

adottat, bil-għan li jiġi żgurat aċċess f'waqtu għall-prodotti li huma meħtieġa għall-provvista sikura tal-SRHR;

- O. billi sar progress pożittiv fl-UE, iżda għad hemm lok għal titjib, kif qed naraw reazzjoni negattiva serja kontra l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa, inkluż fil-qasam tal-SRHR; billi din ir-rigressjoni trid tiġi miġġielda u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa għandhom jiġu mħarsa fl-ogħla livell politiku;
- P. billi l-pandemija tal-COVID-19 kellha impatt sproporzjonat fuq in-nisa u l-bniet bħala riżultat tal-inugwaljanzi eżistenti li jwasslu, fost kwistjonijiet oħra, għal żieda esponenzjali fil-vjolenza abbażi tal-ġeneru u għal tluq bikri mis-suq tax-xogħol; billi l-inkorporazzjoni ta' perspettiva tal-ġeneru fl-istadji kollha tar-rispons għall-kriżi tal-COVID-19 hija essenzjali;
- Q. billi jokkupaw l-aktar impjiegi prekarji fis-soċjetà tagħna, in-nisa ntlaqtu l-aktar matul il-pandemija tal-COVID-19 minħabba qgħad parzjali, ir-riskju li jtilfu l-impjieg tagħhom u t-telexogħol sfurzat minħabba n-nuqqas ta' indukrar tat-tfal; billi għoxrin fil-mija tan-nisa fl-UE kienu diġà fir-riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali⁶; billi n-nisa jikkostitwixxu wkoll 85 % tal-familji b'ġenitur wieħed, li saħansitra huma friskju akbar ta' prekarjetà u ta' żieda fil-faqar; billi 500 miljun persuna⁷ fid-dinja huma mistennija li jisfaw foqra fix-xhur li ġejjin, bil-maġġoranza tagħhom huma nisa; billi l-faqar u l-esklużjoni soċjali għandhom kawżi strutturali li jeħtieġ li jinqerdu u jitreggġu lura, b'mod partikolari, permezz ta' politiki dwar l-impjiegi, id-djar, il-mobilità u l-aċċess għas-servizzi pubbliċi;
- R. billi l-kriżi tal-COVID-19 uriet l-importanza tal-integrazzjoni tal-UE u tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni u d-djalogu bejn l-Istati Membri, l-iskambju ta' soluzzjonijiet u t-tweqqif ta' azzjonijiet fil-livell tal-UE u risponsi kkoordinati, inkluż fil-qasam tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri;
- S. billi għall-ewwel darba, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri se tkun prijorità orizzontali fil-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027, wara ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, u għandha tkun akkumpanjata minn valutazzjonijiet tal-impatt ta' kull proposta leġiżlattiva u ta' politika u monitoraġġ u evalwazzjoni reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru tal-programmi, inkluż billi jiġu traċċati l-fondi ddedikati għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri; billi l-implimentazzjoni tal-ibbaġitjar skont il-ġeneru għandha tiġi mmonitorjata wkoll fl-ogħla livell politiku fil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fil-programmi ewlenin ta' finanzjament tal-UE; billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-issodisfar tad-drittijiet tan-nisa u l-bniet huma prekondizzjonijiet għall-irkupru ekonomiku u l-iżvilupp sostenibbli inklużiv;
- T. billi, tmien snin wara l-approvazzjoni tagħha, il-Konvenzjoni ta' Istanbul għadha ma ġietx ratifikata mill-Istati Membri kollha, jew mill-UE; billi l-Konvenzjoni ta' Istanbul hija l-aktar għodda internazzjonali importanti eżistenti għall-prevenzjoni u l-għieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru;
- U. billi f'diversi riżoluzzjonijiet, bħar-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-

⁶ Eurostat, 2018.

⁷ Skont l-NGOs (Oxfam) u n-NU.

adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni ta' Istanbul u l-miżuri l-oħra biex tiġi miġġielda l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, il-Parlament talab lill-Kunsill jattiva l-"klawnsola passarelle" stabbilita fl-Artikolu 83(1) tat-TFUE sabiex il-vjolenza abbażi tal-ġeneru tiġi inkluża fil-lista tal-Eurocrimes; billi l-Parlament talab, f'diversi okkażjonijiet, li titfassal direttiva biex tiġi evitata u miġġielda l-vjolenza abbażi tal-ġeneru;

- V. billi seba' snin minn meta l-Kummissjoni ressqet il-proposta tagħha u l-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, għadu ma ntlaħaq l-ebda ftehim dwar id-direttiva dwar it-titjib tal-bilanċ bejn il-ġeneri fost diretturi mhux eżekuttivi ta' kumpaniji elenkati f'borża u miżuri relatati (Direttiva dwar in-Nisa fuq il-Bordijiet), u l-proposta għadha mblukkata fil-Kunsill sal-lum;
- W. billi tmax-il sena mill-proposta tal-Kummissjoni stess, għadu ma ntlaħaq l-ebda ftehim dwar id-direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, u l-proposta għadha mblukkata fil-Kunsill sal-lum;
- X. wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tiegħu tal-10 ta' Diċembru 2019 bit-titolu "Ekonomiji Ugwali bejn is-Sessi fl-UE: It-Triq 'il Quddiem", il-Kunsill saħaq li "filwaqt li għad fadal sfidi qodma, qed jitfaċċaw oħrajn ġodda. L-objettivi stabbiliti għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri ma ntlaħqux bis-sħiħ" u talab lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex "isaħħu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri [...] billi jippromwovu b'mod attiv djalogu politiku ta' livell għoli dwar kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-livell tal-UE, u fl-ogħla livell politiku";
- Y. billi d-djalogu politiku ta' livell għoli u d-djalogu fil-livell tal-UE wrew li huma effiċjenti fit-tnaqqis tad-differenzi bejn l-Istati Membri u fil-promozzjoni tal-integrazzjoni Ewropea fil-bieċa l-kbira tal-oqsma ta' politika; billi djalogu strutturat fl-ogħla livell politiku huwa essenzjali għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri permezz tal-adozzjoni ta' leġislazzjoni tal-Unjoni reattiva għal kwistjonijiet ta' ġeneru;
- Z. billi r-rwol tal-Kunsill bħala koleġiżlatur tal-UE huwa essenzjali; billi l-konfigurazzjonijiet tal-Kunsill iridu jtfasslu biex jindirizzaw l-isfidi u l-prijoritajiet politiċi attwali; billi n-nuqqas ta' konfigurazzjoni speċifika tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri jżid ir-riskju li tiġi adottata leġislazzjoni li ma tqisx il-kwistjonijiet tal-ġeneru;
- AA. billi l-Kummissjoni attwali wriet impenn b'saħħtu għall-avvanz tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-linji gwida politiċi tal-President tagħha u permezz ta' azzjonijiet sussegwenti;
- AB. billi l-kwistjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri attwalment huma indirizzati fil-livell tal-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarjiet tal-Konsumatur, li ma jirriflettix b'mod xieraq l-aspetti kollha li għandhom jiġu indirizzati;
- AC. billi l-Parlament diġà talab li titwaqqaf konfigurazzjoni ġdida tal-Kunsill tal-ministri u s-segretarji tal-Istat responsabbli għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri;
- AD. billi diversi presidenzi tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għamlu sforzi pożittivi biex jorganizzaw laqgħat informali għall-ministri u s-segretarji tal-Istat responsabbli għall-

ugwaljanza bejn il-ġeneri u biex ipoġġu kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri fuq aġendi tal-programmi; billi din il-prattika trid tiġi istituzzjonalizzata permezz ta' forum iddedikat permanenti;

- AE. billi azzjoni magħquda hija essenzjali biex id-drittijiet tan-nisa fl-Ewropa jikkonverġu 'l fuq u jiġu armonizzati permezz ta' patt b'saħħtu bejn l-Istati Membri, billi tiġi kondiviża u implimentata l-aktar leġiżlazzjoni ambizzjuża tal-Unjoni u billi jiġu implimentati l-aħjar Prattiki li hemm fis-seħħ bħalissa fl-UE;
- AF. billi, filwaqt li hemm Kummissarju li huwa esklussivament responsabbli għall-ugwaljanza u l-Parlament għandu kumitat iddedikat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, ma hemm l-ebda konfigurazzjoni speċifika tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u l-ministri u s-segretarji tal-Istat responsabbli għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri ma għandhom l-ebda forum iddedikat u formalizzat għad-diskussjoni;
- AG. billi l-Kunsill Ewropew, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, għandu d-dritt li jistabbilixxi (jew jemenda) il-lista ta' konfigurazzjonijiet li fihom jiltaqa' l-Kunsill, li mhumiex dawk tal-Kunsill Affarjiet Ġenerali u tal-Kunsill Affarjiet Barranin;
1. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-ministri u s-segretarji tal-Istat responsabbli għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri ma għandhom l-ebda forum istituzzjonali ddedikat biex jiġi żgurat li r-rappreżentanti tal-Istati Membri jiltaqgħu, jiddiskutu, jilleġiżlaw, jieħdu deċiżjonijiet politiċi u jiskambjaw l-aħjar Prattiki b'mod regolari; jisħaq li t-tlaqqiġ flimkien tal-ministri u s-segretarji tal-Istat responsabbli għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri se jipprovi forum għall-kooperazzjoni li jkun iffukat aħjar u aktar effiċjenti, li jiżgura integrazzjoni aktar b'saħħitha tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-istrateġiji u l-proċessi politiċi tal-UE, approċċ koerenti u koordinazzjoni tal-politiki relatati kollha;
 2. Jisħaq fuq l-importanza li l-ministri u s-segretarji tal-Istat responsabbli għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri jinġabru f'forum wieħed iddedikat u formali sabiex jitwettqu miżuri u leġiżlazzjoni komuni u konkreti biex jiġu indirizzati l-isfidi fil-qasam tad-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jiġi żgurat li l-kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri jiġu diskussi fl-ogħla livell politiku, filwaqt li jitqiesu l-forom distinti ta' diskriminazzjoni li jsofru n-nisa ddiskriminati minħabba r-razza, in-nisa li jappartjenu għal minoranzi etniċi, reliġjużi u lingwistiċi, in-nisa akbar fl-età, in-nisa b'diżabilità, in-nisa Rom, in-nisa LGBTI, in-nisa rifuġjati u migranti, u n-nisa friskju ta' esklużjoni soċjali;
 3. Jisħaq fuq l-importanza tas-sinjali politiku espress permezz tat-twaqqif ta' konfigurazzjoni tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jafferma li konfigurazzjoni speċifika tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, li tippermetti lill-ministri u lis-segretarji tal-Istat responsabbli għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri jiltaqgħu u jiddiskutu b'mod regolari, se ssaħħa l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, kif ukoll id-djalogu u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, l-iskambju tal-aħjar Prattiki u leġiżlazzjoni, u l-kapaċità li jingħataw risponsi komuni għall-problemi madwar l-UE kollha, u se tikkontribwixxi biex jitnaqqsu d-differenzi bejn l-Istati Membri u biex tiġi armonizzata l-protezzjoni tad-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-Ewropa permezz ta' approċċ intersezzjonali;

4. Jissottolinja li konfigurazzjoni speċifika tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri tirrappreżenta element ewlieni biex jiġu żblukkati n-negozjati dwar il-fajls ewlenin relatati mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, jiġifieri r-ratifika tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, l-adozzjoni tad-direttiva dwar it-titjib tal-bilanċ bejn is-sessi fost diretturi mhux eżekuttivi ta' kumpaniji elenkati f'borża u miżuri relatati (Direttiva dwar in-Nisa fuq il-Bordijiet), u d-Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (Direttiva kontra d-Diskriminazzjoni), u biex tingħata spinta lil kwistjonijiet oħra dwar il-ġeneri li għandhom jiġu indirizzati fis-snin li ġejjin, bħaż-żieda tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru mal-lista ta' Eurocrimes u l-adozzjoni ta' direttiva futura dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru;
5. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kunsill Ewropew jistabilixxu konfigurazzjoni tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri sabiex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-politiki u l-leġislazzjoni kollha tal-UE;
6. Jistieden lill-Kunsill Ewropew jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata u jemenda l-lista ta' konfigurazzjonijiet li fiha jiltaqa' l-Kunsill, skont l-Artikolu 236 tat-TFUE u l-Artikolu 2(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill;
7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.